**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 6**

**L-Erbgħa, 6 ta' Marzu 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.38 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 5 li saret fil-31 ta' Ottubru 2023, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 17 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Petizzjoni Nru 6 – Reviżjoni tal-25% tal-Free Childcare Scheme – Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba u l-Kumitat qabel li din tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder ieħor lis-Segretarju Permanenti. Il-Kumitat insista li tinġibed l-attenzjoni li din il-petizzjoni ilha aktar minn sena li ġiet sottomessa.

Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex

tintbagħat reminder oħra lis-Segretarju Permanenti, kif ukoll ifakkar li din ilha aktar minn sena.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-President qara t-tweġiba li bagħat il-Ministru għall-Ġustizzja u li l-Kumitat qabel li issa din il-petizzjoni tgħaddi lill-Minsitru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, hekk kif kien indikat fit-tweġiba.

Petizzjoni Nru 18: Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: il-Kumitat qabel li għandha titbagħat reminder lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

Petizzjoni Nru 19: Polza tal-Assigurazzjoni favur terzi qabel ma jinbeda xogħol ta' kostruzzjoni qrib ġirien – Il-Kumitat qabel li għandha titbagħat reminder lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol kif ukoll issa tgħaddi għand il-Kumitat il-ġdid imexxi mis-Segretarju tal-Kabinett għall-attenzjoni tagħhom.

Petizzjoni Nru 15: Erġgħu Iftħu Skola Primarja fil-Lokalità tal-Imtarfa: Il-Presisdent tal-kumitat qara t-tweġiba. Għal din il-petizzjoni kien hemm l-Onor. Rebekah Borg li tkellmet fuq il-petizzjoni. Tkellem ukoll l-Onor. Charles Azzopardi u talab biex din terġa' tintbagħat lill-Ministeru u jipproponu sit ta' fejn tista' tinfetaħ skola u tinsab soluzzjoni fl-Imtarfa. Il-Kumitat qabel biex din terġa' tgħaddi lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex jagħtu aktar dettalji mitluba fid-diskussjoni.

Petizzjoni Nru 25: Infruzaw permessi regolatorji lil Bitmac LTD rigward emissjonijiet tossiċi: L-Onor Rebekah Borg tkellmet bħala Shadow Minister fuq is-suġġett. Qalet li ftit ġimgħat ilu saret konsultazzjoni. L-ERA ma kellhomx il-Legal Capacity fuq emissions. Il-kumitat qabel li għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jistaqsu x'se jsir mill-Public Consultation. Il-kumitat qabel ukoll li din tintbagħat lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva peress li hemm is-saħħa tar-residenti.

Petizzjoni Nru 21: Maltese Embassy in Thailand – Strenghtening Diplomatic Ties and Foestering Bilateral Relations – Il-President qara t-tweġiba lill-kumitat u sar qbil li din it-tweġiba tgħaddi lill-Petizzjonant u titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 22: Birkirkara, Oġġezzjoni għall-Applikazzjoni tal-Lukanda tħares fuq il-Bażilika – Il-President qara t-tweġiba. L-Onor. Ivan Castillo rrakomanda biex l-Awtorità tal-Ippjanar timxix każ b'każ u tara jekk tali żviluppi jistgħux isiru il-Kumitat ħalliha pendenti u qabel li terġa' titella' fil-laqgħa li jmiss.

Petizzjoni Nru 23: Oġġezzjoni għal PC 13/23 Manikata minn żona ta' żvilupp ta' Villel għal Żona Residenzjali – Il-President qara t-tweġiba tal-Ministeru. L-Onor. Ivan Castillo staqsa lill-kumitat jekk hux possibbli nerġgħu ngħadduha lill-Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u jistaqsi jekk l-Art tal-Gvern tistax tinbidel minn art skedata u għal art ODZ. Il-Kumitat qabel li terġa' tgħaddi għand il-Ministeru. Qed jintalab ukoll biex jgħid xi ħsieb hemm għal din l-art u kemm hu l-persentaġġ li l-Gvern għandu fuq din l-art.

Petizzjoni Nru 24: Biex tiġi rregolata l-liġi rigward is-settur ta’ Groomers, Pet Sitters, Dog Walkers u Trainers. Il-Kumitat qabel li din għadha tgħaddi lill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Petizzjoni Nru 26: Waqqaf il-Kostruzzjoni ta’ Inċineratur ta’ Skart Ġenerali u Mediku (Fabbrika tal-Kanċer) fil-Magħtab: Il-Kumitat qabel li din il-Petizzjoni għandha titbagħat lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. L-Onor. Castillo talab lill-kumitat biex jistaqsi lill-Ministeru dwar id-daqs tal-Inċineratur u d-daqs tal-area li se jieħu. Staqsa wkoll biex jagħtu l-istudju ambjentali li saru.

Petizzjoni Nru 27: Urgent Call – Safety Concerns at SGPC Paola Primary School: Din il-Petizzjoni għandha tgħaddi lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Il-Ministeru għandu jagħti wkoll timeframes ta’ din il-manutenzjoni.

Petizzjoni Nru 28: Cremation in Malta: Din il-Petizzjoni għandha tintbagħat lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għar-rimarki kif ukoll jgħid jekk hemmx sit li hu earmarked biex jinbena krematorju u meta hemm il-ħsieb li toħroġ is-sejħa għall-Interess.

Petizzjoni Nru 29: The Protection and Enforcement of Equal & Shared Parenting: Il-Petizzjoni għadha ma għalqietx u l-Kumitat qabel li din għandha terġa’ titla fuq l-Aġenda fil-laqgħa li jmiss hekk kif tkun għalqet.

Petizzjoni Nru 30: Misraħ iż-Żjara tal-Papa – Free illegali tables and Chairs: Din il-petizzjoni għandha tgħaddi lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika kif ukoll lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali. Mill-kumitat intalab ukoll lil dawn il-Ministeri biex jgħidu x’inhuma l-kriterji għall-applikazzjoni ta’ mwejjed u siġġijiet, xi spazju jista’ jintuża, x’infurzar isir u jekk issirx studju qabel joħorġu l-applikazzjonijiet għall-imwejjed u siġġijiet.

Rigward Petizzjonijiet 31, 32 u 33, peress li l-petizzjonijiet għadhom miftuħa, dawn għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss. Inkwantu tal-petizzjoni numru 32, il-kumitat qabel li għandha tgħaddi mal-ewwel lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u jirrimarkaw kif ħareġ il-permess fuq ODZ u x’kienu l-kriterji użati.

Petizzjoni MP-2 – Onor. Jerome Caruana Cilia – Ħal Qormi – Triq il-Barrakki; Il-President qara t-tweġiba li bagħat il-Ministeru u l-Kumitat qabel li din għandha tgħaddi lill-Onor. Jerome Caruana Cilia u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni MP-3 – Onor. Justin Schembri – Ħal Lija – Kulleġġ Santa Tereża – LPG Storage Facility: Il-Kumitat qara t-tweġiba tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u ddeċida li sakemm ikun hemm il-permess konkluż min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, il-petizzjoni għandha tibqa’ pendenti.

Petizzjoni MP-4 – Onor. Ivan Vassallo – Diskussjoni għal Traffic Management fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr: Inqrat tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16784. L-Onor. Charles Azzopardi qal li dan kien żvilupp imqansaħ u sitwazzjoni tat-tbatija il-kumitat talab li

tintbagħat lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi u qed jintalab biex tittieħed azzjoni u tinsab soluzzjoni.

Fis-5:55 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**